# VINCENZO APAP

## Skultur Magħruf b'Konnessjoni mal-Mosta

*miħallina fil-15 ta' Frar 2003*

*minn Victor B. CARUANA*



### Il-Bidu tal-karriera twila

**Il-magħruf** skultur Malti Vincenzo Apap miet nhar is-Sibt 15 ta' Frar 2003, fl-età ta' 93 sena. Huwa twieled fl-1 ta' Novembru 1909. Huwa kien ġej minn familja ta' artisti ferm magħrufa. Ħuh Joseph kien wieħed mill-aqwa vjolinċellisti li kien hawn Malta, iżda huwa miet għal għarrieda fl-età ta' 35 sena. Ħuh iż-żgħir kien il-magħruf pittur Willie Apap. Missierhom kien miet żgħir ħafna u għalhekk Vincenzo kien jieħu ħsieb ħutu daqs li kieku kien missierhom.

Vincenzo beda' l-istudji tiegħu fl-Iskola ta' l-Arti fejn l-għalliem tiegħu kien Edward Caruana Dingli. Fl-1927 huwa rebaħ Borża ta' Studju fil-*British Academy of Arts* f'Ruma li dak iż-żmien kienet immexxija minn Antonio Sciortino, wieħed mill-aqwa skulturi Maltin. Fl-ewwel sena ta' l-istudji tiegħu f'Ruma huwa rebaħ wieħed mill-aktar unuri prestiġjużi fl-arti magħruf bħala il-Premju *Calderon*.

### Bustijiet tal-Familja Rjali Ingliża

Meta spiċċa l-istudji tiegħu f'Ruma huwa reġa' lura Malta u sena wara fl-età ta' 22 sena, huwa ħadem l-ewwel monument fl-1931, li kien ta' Fra Diegu u jinsab il-Ħamrun. Huwa ħadem diversi bustijiet għall-Familja Rjali Ingliża. Fl-1951 huwa ħadem bust tal-Prinċipessa Eliżabetta (illum ir-Reġina Eliżabetta II), peress li dak iż-żmien kienet toqgħod fi Gwardamanġa, billi dak iż-żmien żewġha d-Duka ta' Edinburgh kien Armiral tar-*Royal Navy* fil-Mediterran. Fl-1954 huwa għamel bust tad-Duka ta' Edinburgh, li jinsab f'din il-belt fl-Iskozja. Huwa reġa' għamel bust ieħor tad-Duka ta' Edinburgh u li qiegħed fir-*Royal Yacht Club* fl-Ingilterra. Dan lestieh fl-1970.

Huwa ġie mqabbad biex jagħmel bust ta' *Prince Charles* (illum *Prince of Wales*) darbtejn. Darba meta kellu 10 snin fl-1961 u darba oħra fl-1974 meta kellu 23 sena. Dawn it-tnejn jinsabu fil-Palazz ta' Buckingham f'Londra. Huwa ġie kkommissjonat sabiex jaħdem darbtejn bustijiet ta' *Lord Louis Mountbatten*, darba minn *Lord Mountbatten* stess fl-1934 u dan jinsab fl-Armiraljat f'Londra. Fl-1982 huwa ħadem monument ieħor iddedikat lil'*Lord Louis Mountbatten*, wara li ġie assassinat meta l-jott li kien fuqu ġie splodut. *Lord Mountbatten* kien iz-ziju tad-Duka ta' *Edinburgh*. Dan il-monument ġie mikxuf minn *Prince of Wales* fl-*Isle of Wight* fejn seħħ dan l-inċident. Huwa ħadem ukoll bust ieħor tal-familja *Mountbatten* propju dak tal-Kontessa Edwina *Mountbatten* fl-1936. Fl-1954 huwa ħadem bust tal-Markiż *Milford Haven* li jinsab fl-Armiraljat f'Londra. Fl-1957 huwa ħadem il-monument ta' *Lord Beaverbrook* li jinsab *Fedricten*, il-Kanada.

Saru diversi wirjiet tax-xogħlijiet tiegħu, iżda l-aktar tnejn li baqgħu jissemmew saru f'Londra. L-ewwel waħda saret fil-*Commonwealth Institute* f'Novembru ta' l-1960 u l-oħra satet fil-*Grabowsky Gallery* fl-1962. F'dawn iż-żewġ wirjiet kien hemm xogħlijiet tal-pittura ta' ħuh Willie.

### Xogħlijiet sbieħ fil-Belt Valletta

Vincenzo Apap jibqa' magħruf ukoll għall-monumenti sbieħ ta' personaġġi importanti Maltin li huwa ħadem u li ħafna minnhom qegħdin fil-Belt Valletta. Tnejn jinsabu fil-Pjazza ta' Kastilja. Dawn huma ta' Sir Paul Boffa (1976) u ta' Dr. Ġorġ Borg Olivier (1990). Fil-Pjazza ta' San Ġwann, fil-Belt, insibu l-bust ta' Dr. Enrico Mizzi li ħadmu fl-1964. F'bieb il-Belt huwa għandu l-Funtana tat-Tritoni. Fil-Floriana fit-telgħa ta' Sant'Anna nsibu xogħol ieħor tiegħu: il-monument ta' Dante Alighieri (1965). Fil-Ġonna tal-Barrakka ta' Fuq għandu żewġ xogħlijiet oħra sbieħ, dak ta' Sir Winston Churchill u ta' Giuseppe Calì, il-pittur b'tant xogħlijiet sbieħ fir-Rotunda.

F'Ħaż-Żabbar huwa għandu l-monument lil Patri Feliciano Grech O.P. Fil-Kattidral ta' l-Imdina nsibu l-monument ta' l-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi. L-aħħar bust li huwa ħadem kien tal-President ta' Malta l-E.T. il-Prof. Guido De Marco. Dan spiċċah fl-1998 meta kellu 89 sena. L-aħħar biċċa xogħol kbira li huwa għamel, kienet l-istatwa ta' Kristu Rxoxt li tinsab fil-Knisja tal-Qawra.

### Vincenzo Apap u l-Mosta

Vincenzo Apap kellu konnessjoni kbira mal-Mosta fejn għandu diversi xogħlijiet. Bosta minn dawn saru

# Xogħlijiet Nazzjonali Magħrufa ta' Vincenzo Apap



*L-ewwel biċċa xogħol kbira ta' Vincenzo Apap: Il-Monument ta' Fra Diegu li jinsab fil-Ħamrun. Dan ħadmu fl-1931 meta kellu 22 sena.*



*Il-monument ta' Dante Alighieri fit-telgħa ta' Sant'Anna fil-Floriana (1965).*



*Il-bust ta' Giovanni Nicola Papaffy li ħadem ħafna għall-emigranti Maltin. Dan jinsab fil-Ġnien tal-Mall fil-Floriana (1956).*



*Il-bust ta' Sir Winston Churchill li jinsab fil-Barrakka ta' Fuq fil-Belt (1953).*




*Il-monument ta' l-Arċisqof Mikiel Gonzi li jinsab fil-Kattidral ta' l-Imdina (1971).*



*Il-monument ta' Sir Hugo Mifsud, politiku magħruf u eks-Prim Ministru ta' Malta. Dan ukoll jinsab fil-Ġnien tal-Mall fil-Floriana. Sir Hugo Mifsud twieled fit-12 ta' Settembru 1889 u miet fil-11 ta' Frar 1942. Vincenzo Apap ħadem dan il-monument fl-1963.*



*Il-funtana tat-Tritoni li tinsab quddiem Bieb il-Belt (1959).*



*Il-bust ta' Dr. Enrico Mizzi, eks-Prim Ministru ta' Malta, li jinsab quddiem il-Kon-Kattidral ta' San Ġwann fil-Belt (1964).*




*Il-monument ta' Sir Paul Boffa, eks-Prim Ministru ta' Malta, li jinsab fil-Belt Valletta quddiem Kastilja (1976).*



*Il-monument ta' Dr. Ġorġ Borg Olivier, eks-Prim Ministru ta' Malta, li jinsab fil-Pjazza ta' Kastilja (1996).*



*L-aħħar biċċa xogħol kbira ta' Vincenzo Apap, li hawn jidher ma' l-istatwa sabiħa li huwa ħadem għall-knisja tal-Qawra fl-1999, fl-età ta' 90 sena.*

*(Dawn ir-ritratti ttieħdu kollha minn Victor B. Caruana minbarra l-aħħar ritratt li ġie ġentilment misluf mis-Sinjura Nella Meadows, bint Vincenzo Apap.)*

fis-snin tletin tas-seklu li għadda. Malli nidħlu fil-knisja mill-bieb prinċipali, fuq in-naħa tal-lemin insibu l-fonti ta' l-ilma mbierek magħruf bħala 'dak tan-nisa', billi fl-antik in-nisa ġeneralment kienu kollha jpoġġu dik in-naħa. Dan huwa mżejjen b'ħames anġli tal-bronż. Tlieta jidhru weqfin fuq sħaba 'l fuq mill-vaska, b'dak tan-nofs b'salib irqiq f'idu. Tnejn oħra qegħdin ħdejn is-sieq tal-fonti jżommu mazzettun f'idejhom.

Fl-istess żminijiet saru wkoll it-tmien panewwijiet tal-bronż li jżejnu l-pulptu li nsibu fir-Rotunda. Dan huwa magħmul mill-injam tal-ġewż u kien ġie ddisinjat mis-Sur Carmelo Tonna mir-Rabat (Malta) u li ġie mżanżan fl-1932. Dawn il-'basserilievi' jirrappreżentaw lis-seba' doni ta' l-Ispirtu s-Santu u l-Inkurunazzjoni tal-Madonna, u nħadmu wkoll minn Vincenzo Apap.

Wara l-artal maġġur tar-Rotunda nsibu l-Kor. 'Il fuq mill-injam tal-Kor jidhru l-figuri ta' sitt arkanġli. Dawn huma ta' Gabrijel, Ieuhudijel, Urijel, Raphael, Sealtijel u Barakijel. Kien jonqos wieħed: dak ta' San Mikiel. Dan kellu jsir f'nofs il-Kor inkorporat ma' leġiju, iżda għal xi raġuni, dan ma sar qatt. Dawn kollha ħadimhom Vincenzo Apap f'xogħol '*a stucco*' minflok oħrajn qodma tal-kartapesta.

Fuq iz-zuntier tar-Rotunda nsibu żewġ statwi sbieħ ta' Santa Marija u ta' San Ġużepp, żewġ xogħlijiet oħra ta' Vincenzo Apap. Dik ta' Santa Marija kienet ġarrbet xi ħsarat waqt ħbit mill-ajru fl-aħħar Gwerra Dinjija.

Biċċa xogħol oħra sabiħa ta' Ċensu Apap huwa anġlu tal-bronż li jinsab fiċ-ċimiterju tal-Mosta. Huwa għamel dan il-monument funebri sabiħ għal fuq il-qabar ta' Mons. Anton Muscat u tal-familjari tiegħu.

## L-Istatwa Titulari ta' Santa Marija

Iżda fil-Mosta, bla dubju ta' xejn, isem Vincenzo Apap l-aktar li jibqa' magħruf huwa x-xogħol li huwa għamel fuq l-istatwa titulari ta' Santa Marija, u li oriġinalment kienet xogħol ta' Salvu Dimech, 'is-Sartx'. Din kienet qadima u kellha bżonn ħafna restawr. Għal dan ix-xogħol ġie mqabbad Vincenzo Apap li rranġaha u f'inqas minn sena rnexxielu joħroġ l-istatwa li naraw illum.

Qabel ma mess l-istatwa antika, huwa għamel abbozz *full size* li llum jinsab fis-sagristija ta' l-Oratorju Qalb ta' Ġesù. Dun Anġ Camilleri qalli li meta kien għadu tifel kien imur jara lil Vincenzo Apap jaħdem dan l-abbozz. Huwa qalli li dan ħadmu f'garaxx fi Triq il-Kbira l-Mosta quddiem l-istatwa ta' San Ġużepp.

L-inawgurazzjoni tagħha saret nhar il-Ħadd 8 t'Awissu 1948, meta ġiet imniżżla minn Triq Kungress Ewkaristiku fost il-ferħ kbir tal-Mostin. Dakinhar, il-Viċi-Parrokku Dun Pawl Calleja, poġġa madwar rasha stellarju tad-deheb. X'ħin waslet fuq iz-zuntier din ġiet imbierka minn Mons. Anton Buhagiar.

## Ritratti konnessi max-Xogħlijiet ta' Vincenzo Apap fil-Mosta




*Dan il-monument tal-pittur famuż Giuseppe Calì, inħadem minn Vincenzo Apap fl-1952 u jinsab fil-Barrakka ta' Fuq fil-Belt. Naħseb li xieraq ninkluduh max-xogħlijiet li Vincenzo Apap għandu fil-Mosta. Dan minħabba r-rabta li hemm bejn dan il-pittur magħruf u r-Rotunda tal-Mosta, fejn Giuseppe Calì ħadem uħud mill-aqwa xogħlijiet tiegħu.*



*Vincenzo Apap jibqa' magħruf fil-Mosta għax-xogħol li huwa għamel fuq l-istatwa titulari ta' Santa Marija, li oriġinarjament kienet xogħol ta' Salvatore Dimech. Din ġiet inawgurata nhar il-Ħadd 8 t'Awissu 1948. Kif juri dan ir-ritratt, dakinhar il-Viċi-Parrokku Dun Pawl Calleja kien poġġa fuq rasha stellarju tad-deheb.*



*Il-fonti ta' l-ilma mbierek li jinsab fir-Rotunda li nħadem fis-snin tletin tas-seklu li għadda minn Vincenzo Apap.*



*Wieħed mill-panewwijiet tal-bronż tal-pulptu, li juri d-don tax-xjenza ta' l-Ispirtu s-Santu.*



*Fl-istess żminijiet Vincenzo Apap ħadem it-tmien panewwijiet tal-bronż li jżejnu l-pulptu tar-Rotunda.*



*Dan l-anġlu sabiħ, xogħol ta' Vincenzo Apap, jinsab fiċ-ċimiterju tal-Mosta, fuq il-qabar tal-Kanonku Dun Anton Muscat, li għamel żmien twil bħala Direttur Spiritwali tas-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard.*



*L-istatwa ta' San Ġużepp bil-Bambin li tinsab fuq iz-zuntier tar-Rotunda.*



*L-istatwa ta' Santa Marija li tinsab fuq iz-zuntier tar-Rotunda li bħal dik ta' San Ġużepp inħadmet ukoll minn Vincenzo Apap.*




*Fil-kor, wara l-artal maġġur tar-Rotunda, insibu l-figuri ta' sitt arkanġli maħduma minn Vincenzo Apap.*

*(Dawn ir-ritratti ttieħdu kollha minn Victor B. Caruana minbarra ritratt numru 2 (1948) li ġie ġentilment misluf mis-Sur Mario Riolo, neputi tal-Viċi-Parrokku Kan. Dun Pawl Calleja).*

## Fil-15 ta' Frar 2003, iħallina Vincenzo Apap

Vincenzo Apap kien iżżewweġ lil Maria Bencini (llum mejta) fl-1941 u kellhom tlett ulied John, Nella u Manon.

Huwa miet nhar is-Sibt 15 ta' Frar 2003 fis-*Suncreek Residential Home*, tas-Sliema. Il-funeral tiegħu sar nhar it-Tnejn 17 ta' Frar 2003 fil-knisja ta' Ġesù Nazzarenu f'tas-Sliema u wara ndifen fiċ-ċimiterju ta' l-Addolorata.

## Il-Funeral: Għaliex fil-Knisja ta' Ġesù Nazzarenu?

Kulmin iħobb l-arti, partikolarment l-iskultura m'għandux jonqos li jżur din il-knisja. Malli tidħol f'din il-knisja, li hija forma ta' salib tara xi ħaġa mhix tassoltu li tolqtok tassew.

Mill-bieb ta' barra sa ġewwa nett dawramejt mal-knisja kollha tara numru ta' statwi kbar u sbieħ tal-ġibs kulur il-bronż, li qegħdin ftit fil-għoli.

B'kollox hemm 39 statwa. Dawn huma ta' l-Appostli, tal-Profeti, Madonna bil-Bambin, San Duminku u Ġesù Nazzarenu.

L-ewwel tmien statwi, erbgħa kull naħa int u dieħel mill-bieb ta' barra ħadimhom l-iskultur Taljan Giuseppe Moschetti. Diversi xogħlijiet ta' Moschetti jinsabu fil-*Palazzo di Giustizia* ta' Ruma. Il-bqija jiġifieri 31 statwa huma kollha xogħlijiet mill-isbaħ ta' Vincenzo Apap.

Dam jaħdimhom madwar tletin sena u spiċċahom madwar tmien snin ilu. Huwa daħħal l-uċuħ ta' personaġġi magħrufa bħala mudelli. Fost dawn insibu lil Eżekjel li ħadmu fuq wiċċu stess. Ieħor huwa wiċċ ħuh il-magħruf pittur Willie Apap, u ieħor ta' neputih, Tristian.

Hemm ukoll uċuħ ta' patrijiet magħrufa b'konnessjoni ma' din il-knisja, bħal Patri Wistin Born, u l-Professur ta' l-Arti Fr. Marius Zerafa. Hemm grupp ieħor minn dawn li tahom l-uċuħ ta' artisti magħrufa Maltin fosthom Esprit Barthet, Emvin Cremona u Antoine Camilleri.

Il-konċelebrazzjoni *presente cadavere* kienet immexxija mill-Kappillan ta' din il-knisja Patri Lawrence Attard, li għamel omelija mill-isbaħ. Huwa spiċċaha b'dawn il-kliem: "Ċensu Apap għamel użu tajjeb ħafna mit-talenti sbieħ li tah Alla biex ikun veru nisrani, ċittadin Malti tajjeb, missier responsabbli u fuq kollox artist mill-aqwa.

Din il-knisja hija monument ħaj tal-fidi kbira nisranija tiegħu." Waqt il-Quddiesa ħdejn it-tebut eżatt kien hemm l-E.T. il-President ta' Malta l-Prof. Guido De Marco. Il-President De Marco kien ħabib ħafna ta' Ċensu Apap u kien ammiratur kbir tiegħu.

Huwa stqarr dan waqt li kien qed jitkellem ma' Dun

## Ritratti konnessi mal-Funeral ta' Vincenzo Apap



*Dehra ta' parti mill-Kor tal-knisja ta' Ġesù Nazzarenu f'tas-Sliema, fejn jidhru ħamsa mill-wieħed u tletin statwa li Vincenzo Apap ħadem f'din il-knisja.*



*Nhar it-Tnejn 17 ta' Frar 2003, waqt il-funeral ta' Vincenzo Apap fil-knisja ta' Ġesù Nazzarenu f'tas-Sliema. Dehra ġenerali minn fuq il-gallarija ta' wara, bit-tebut ta' Vincenzo Apap quddiem l-artal maġġur.*



*L-E.T. il-President ta' Malta il-Prof. Guido De Marco ħdejn it-tebut tal-ħabib tiegħu l-iskultur Vincenzo Apap.*



*Waħda mill-31 statwa li jinsabu f'din il-knisja. Din hija tal-profeta Eżekjel u li Vincenzo Apap ħadem fuq wiċċu stess.*

*(Dawn ir-ritratti ttieħdu kollha minn Victor B. Caruana u qed jidhru hawn bil-permess ġentili tal-familjari ta' Vincenzo Apap, speċjalment tas-Sur Alan u s-Sinjura Nella Meadows li tiġi bint Vincenzo Apap.)*

Anġ Camilleri waqt żjara li għamel fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù fil-Mosta nhar il-Ħadd 28 ta' Lulju 2002. Dan kien waqt li l-President kien qed jammira l-abbozz ta' l-istatwa ta' Santa Marija maħduma mill-istess Ċensu Apap.

*Referenzi:*

a) *"Dawra Madwar il-Knisja Arċipretali Tagħna" tas-sur Joseph Borg minn "**Il-Mosta**". Editur: Dun Anġ Camilleri.*

b) *Ħajr lis-Sur Alan u s-Sinjura Nella Meadows (bint Vincenzo Apap), l-espert ta' l-arti Fr. Marius Zerafa, il-Perit Lawrence Gatt, is-Sur Mario Riolo u Dun Anġ Camilleri ta' l-għajnuna li tawni sabiex stajt nikteb dan l-artiklu.*

*Mosta, 18 ta' Marzu 2003.*